*leave tal-maternità – impjegata li ma tirritornax lura għax-xogħol – talba mill-employer għar-rifużjoni tal-paga li tħallset lill-impjegata waqt il-leave tal-maternità – l-impjegata ma kellix raġuni valida skont is-subartikoli 36 (10) u (20) tal-Kap. 452*

MALTA

# QORTI TAL-APPELL
**(Kompetenza Inferjuri)**

## ONOR. IMĦALLEF LAWRENCE MINTOFF

Seduta tat-3 ta' Frar, 2021

Appell Inferjuri Numru 7/2016/2 LM

**De Vere & Partners Holding Ltd (C 31663)**
*("l-appellanta")*

***vs*.**

**Annette Caruana (K.I. nru 383589M)**
*("l-appellata")*

**Il-Qorti,**

**<u>Preliminari</u>**

1. Dan huwa appell magħmul mis-soċjetà rikorrenti **De Vere & Partners Holding Ltd (C 31663)** [minn issa 'l quddiem "is-soċjetà appellanta"] mis-

sentenza mogħtija fl-4 ta' Marzu, 2020, [minn issa 'l quddiem "is-sentenza appellata"], mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) [minn issa 'l quddiem "l-ewwel Qorti"], li permezz tagħha ddeċidiet ir-rikors tagħha fil-konfront tal-intimata **Annette Caruana (K.I. nru 383589M)** [minn issa 'l quddiem "l-appellata"] billi ċaħdet it-talbiet tagħha.

## Fatti

2. Jirriżulta li l-appellata kienet impjegata mas-soċjetà appellanta bħala *Accounts Administrator* sa mill-5 ta' Jannar, 2012, skont dawk il-pattijiet u l-kondizzjonijiet li jirriżultaw mill-kuntratt ta' impjieg tal-istess data.[1] F'Marzu tas-sena 2013, l-appellata ħarġet fuq *leave* tal-maternità, iżda sabitha diffiċli li terġa' lura għax-xogħol fit-tmiem il-perijodu tal-*leave,* u għalhekk intalbet mis-soċjetà appellanta sabiex tirrifondi l-ħlas li sar lilha matul dak iż-żmien.

## Mertu

3. Is-soċjetà appellanta istitwiet dawn il-proċeduri quddiem l-ewwel Qorti permezz tal-preżentata ta' rikors fejn ħarrket lill-appellata sabiex tgħid għaliex m'għandiex tiġi kkundannata minn dik il-Qorti sabiex:

> *"...tħallas lis-socjetà attriċi s-somma ta' ħames elef tlett mija u tminja u erbgħin Euro, tnejn u ħamsin Euro ċenteżmi [€5,348.52] ekwivalenti għal u konsistenti fil-valur u l-ammont li inti irċevejt bħala pagi waqt il-perijodu ta' maternità fil-kors tal-ingaġġ tiegħek bħala impjegata mas-soċjetà attriċi u li inti obbligata tħallas skont sub-artikolu 20 tal-Artikolu 36 tal-Att dwar l-Impiegi u r-Relazzjonijiet Industrijali – Kap. 452 tal-Liġijiet ta' Malta meta inti bħala impjegata tas-soċjetà attriċi rikorrenti*

[1] *A fol.* 12.

*għażilt li ma terġax tidħol għax-xogħol fil-post li kont tokkupa meta beda l-*leave *tiegħek tal-maternità, meta ntemm il-*leave *tal-maternità.*

*Bl-imgħaxijiet legali għall-ħlas tardiv tal-imsemmija somma u bl-ispejjeż kontra l-konevuta li tinsab minn issa nġunta għas-subizzjoni."*

4. L-appellata wieġbet kif ġej:

*"Tesponi bir-rispett:*

1. *Preliminarjament l-azzjoni attriċi hija preskritta ai termini tal-artikolu 1027 u/jew tal-artikolu 2153 tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta.*
2. *Illi subordinatament u assolutament mingħajr preġudizzju għas-suespost it-talbiet attriċi huma nfondati fil-fatt u fid-dritt stante li m'huwiex minnu li l-esponent għażlet hi li ma tirritornax għax-xogħol fil-post li kienet tokkupa meta beda l-leave tal-maternità tagħha u dan meta l-istess leave kien intemm u għaldaqstant l-esponenti qed tikkontesta l-pretensjonijiet kollha tas-soċjetà attriċi.*
3. *Illi s-soċjetà attriċi ma kinitx ċerta mix-xogħol li xtaqet tagħti lill-konvenuta wara li l-esponenti kienet lesta biex tidħol lura għax-xogħol u kien appuntu dan il-konfużjoni li wara ħafna wassal sabiex is-soċjetà attriċi unilateralment, u anki b'mod fil-fehma tal-esponenti irregolari, itterminat l-impjieg tal-esponenti. Dan saħansitra wara li l-esponenti kienet anki ddaħħlet taħdem bi prova f'post analogu peress li skont l-istess soċjetà attriċi il-post li hija kienet tokkupa ma kienx għadu disponibbli.*
4. *Salv eċċezzjonijiet ulterjuri.*

*Bl-ispejjeż kontra r-rikorrenti".*

## Is-Sentenza Preliminari

5. Permezz tas-sentenza tagħha tat-28 ta' Settembru, 2016, l-ewwel Qorti laqgħet l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni mressqa mill-appellata u ddikjarat l-azzjoni odjerna preskritta, bl-ispejjeż kontra s-soċjetà appellanta. Din tal-aħħar

appellat quddiem din il-Qorti diversament preseduta, li permezz tas-sentenza tagħha tad-19 ta' Mejju, 2017, ħassret is-sentenza tal-ewwel Qorti, filwaqt li ċaħdet l-ewwel eċċezzjoni tal-appellata, bl-ispejjeż kontriha. Fis-sentenza tagħha, din il-Qorti ordnat li l-atti għandhom jintbagħtu lura quddiem l-ewwel Qorti sabiex din tissokta bis-smigħ tal-kawża.

## Is-Sentenza Appellata

6. L-ewwel Qorti waslet għas-sentenza appellata wara li għamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet rilevanti għal dan l-appell:

***"Kunsiderazzjonijiet***

***L-Eċċezzjoni Preliminari***

*Illi l-ewwel eċċezzjoni ġiet deċiża bis-sentenza ta' din l-Qorti fit-28 ta' Settembru 2016 u wara bis-sentenza tal-Qorti tal-Appell tad-19 ta' Mejju 2017.*

***Il-Mertu***

*Illi fir-rigward tal-mertu, mix-xhieda u provi prodotti jirriżulta fiċ-ċar li s-soċjetà rikorrenti ma aċċettatx ir-riżenja proposta mill-intimata, fiż-żmien li hija kellha tirritorna għax-xogħol. Mhux biss iżda id-direttur infisha kienet issuġġeriet lill-intimata li testendi l-'leave' tagħha u fuq tali suġġeriment l-intimata nfurmat lid-direttur li hija ma tkunx tista' tirritorna għax-xogħol qabel sena oħra. Hawnhekk id-direttur ma tatx risposta negattiva jew xi* 'ultimatum' *sabiex l-intimata tirritorna għax-xogħol.*

*Mhux biss iżda meta ftit qabel Ġunju 2014, l-intimata reġgħet għamlet kuntatt sabiex terġa' tidħol fix-xogħol taħha, saru diversi telefonati, korrispondenza bl-'emails' kif ukoll 'meetings' fejn kien qed jiġi diskuss bejn il-partijiet ix-xogħol li kienet se terġa' tieħu l-intimata. Tant hu hekk li saħansitra ġiet mogħtija l-opportunità li anke tmur f'sezzjoni oħra u ċioè s-sezzjoni tal-'commissions' u l-intimata marret tipprova dak ix-xogħol. Iżda wieġbet lura li kienet tippreferi li tibqa'*

*fix-xogħol li kellha fis-sezzjoni tal-'accounts'. Matul id-diskussjonijiet li kien hemm kienet ukoll issuġġeriet li taħdem 'part-time', 'flexible hours' jew inkella bit-'telework' billi taħdem tlett ijiem mill-post tax-xogħol u jumejn mid-dar. Tispjega li kien hemm ħafna xogħol li seta' jsir mid-dar.*

*Dan kollu ma ġie kontradett bl-ebda mod mis-soċjetà rikorrenti.*

*Tant ir-riżenja tal-intimata ma kinitx ġiet aċċettata illi s-soċjetà rikorrenti ma ħadet l-ebda pass sabiex tirreġistra t-tmiem tal-impjieg tal-intimata. Apparti l-fatt li d-direttur stess kitbet lill-intimata sabiex ma tirriżenjax u minflok tieħu aktar żmien sabiex tirritorna għax-xogħol. Dan ifisser li d-direttur kienet qed iżżomm lill-intimata fl-impjieg.*

*Jagħmel sens ukoll illi la darba l-'maternity leave' kien spiċċa u la darba l-intimata ma kienet qed tirċievi l-ebda ħlas, allura din l-estensjoni kienet fuq 'unpaid leave'.*

*Jirriżulta wkoll li l-intimata meta ġiet biex tagħlaq dik is-sena ta' estensjoni reġgħet għamlet kuntatt mad-direttur sabiex din terġa' tagħtiha x-xogħol tagħha. U wara d-diversi 'meetings' u diskussjonijiet li kien hemm, hija baqgħet ċċempel kull ġimgħa biex tingħata "starting date" kif kienet wegħditha d-direttur u kif kienet wegħditha id-direttur fl-'email' ta' Awwissu 2014, fejn qaltilha li kienet imsiefra u li tkellimha lura hi la darba terġa' tkun Malta. Iżda din il-wegħda ma avveratx ruħha minn naħa tad-direttur. Li ma kkuntatjathiex lura. Izda l-intimata xorta baqghet ccempel kull gimgha.*

*Jirriżulta wkoll li l-intimata aċċettat li tħallas nofs is-somma għall-fatt biss li kien hemm dan il-ftehim li hija terġa' tidħol xogħol fi żmien sena wara li skada l-'maternity leave'.*

*Iżda minflok 'starting date', l-intimata irċeviet talba għall-ħlas tal-ammont sħiħ minn għand is-Sinjura Sammut. Dan meta l-intimata (1) kienet ġiet imwegħda 'starting date' mid-direttur ferm qabel u baqgħet iċċempel u ssegwi tali wegħda kull ġimgħa u (2) meta l-intimata kienet lesta li tidħol lura għax-xogħol fuq kwalunkwe bażi għaliex wara li għaddiet dik is-sena, l-intimata setgħet taħdem anke 'full time' iżda talbet 'flexible hours' u/jew xi xogħol bit-'telework'.*

*Jirriżulta wkoll li s-soċjetà rikorrenti rreġistrat it-tmiem tal-impjieg fl-14 ta' Ottubru 2014, jiġifieri kważi sena u nofs wara li spiċċa l-'leave' tal-maternità. Dan ukoll juri li r-riżenja tal-intimata ma kinitx ġiet aċċettata. Din ir-reġistrazzjoni saret ukoll mingħajr il-firma tal-intimata bħala impjegata u saret ukoll ad insaputa tagħha għaliex qatt ma ġiet mitluba tiffirma għal tali terminazzjoni.*

*Illi l-posizzjoni kif spjegata mill-intimata ma ġiet kontradetta bl-ebda mod mill-provi mressqa mis-soċjetà rikorrenti. Anzi għall-kuntrarju dak li xehdu d-direttur u s-Sinjura Sammut jikkristallizzaw il-posizzjoni u x-xhieda imressqa mill-intimata. U l-aqwa prova kontra t-talba tas-socjetà rikorrenti hija proprju l-prova dwar it-terminazzjoni tal-impjieg li ġiet mibgħuta fl-14 ta' Ottubru 2014. Dan juri li huwa minnu li għall-anqas sa dak iż-żmien is-soċjetà rikorrenti kienet għadha ma neħħietx lill-intimata mil-lista tal-impjegati tagħha. Li kieku ma kien hemm l-ebda ftehim mal-intimata, din il-formola kienet tintbagħat fiż-żmien li spiċċa l-leave tal-maternità u mhux kważi sena u nofs wara.*

*Illi hawnhekk tagħmel referenza għas-sentenza tal-Qorti tal-Appell fuq ċitata. Il-Qorti hija tal-fehma li dawk l-istess prinċipji għandhom japplikaw fil-każ in eżami, stante illi la huma applikabbli għal sitwazzjoni fejn ġie allegat li kien hemm abbandun da parti tal-impjegata, kemm aktar għandhom ikunu applikabbli għas-sitwazzjoni in eżami, fejn l-impjegata bl-ebda mod u manjiera ma abbandunat ix-xogħol tagħha iżda baqgħet tiġri wara s-soċjetà rikorrenti sabiex terġa' tingħata l-post tax-xogħol tagħha.*

*Illi s-sena li ħadet l-intimata, wara li għalaq il-'leave' tal-maternità, ħaditha bi qbil u anzi fuq suġġeriment tal-istess direttur tagħha. Ma hemm xejn stramb li l-intimata ma kinitx qed tirċievi paga, stante li dan jaqa' eżattament fil-kunċett ta' parental leave li hu mogħti bi dritt lil kull impjegat li jista' jagħżel li jieħu sena parental leave mingħajr ħlas. Mhux biss iżda fil-każ in eżami huwa determinanti l-fatt li dan iż-żmien l-intimata ħaditu bi qbil mad-direttur, u għalhekk wieħed lanqas ma għandu jidħol fi kwalunkwe diskussjoni dwar dan iż-żmien.*

*Mhux biss, iżda minkejja d-dritt tal-intimata li din tingħata eżattament l-istess posizzjoni li kellha fil-ġurnata meta ħarġet bil-'leave' tal-maternità, l-intimata kienet lesta wkoll li tikkunsidra xogħol ieħor u filfatt marret tipprova x-xogħol f'sezzjoni oħra iżda wara nfurmat lid-direttur li hi ppreferiet tibqa' fix-xogħol tagħha fl-'accounts department'.*

*Huwa ċar ukoll illi l-post tax-xogħol tal-intimata ma kienx għadu disponibbli għaliex l-istess intimata, fl-aħħar tlett xhur qabel ma ħarġet bil-leave tal-maternità, kienet ittrenjat impjegata oħra sabiex tagħmel listess xogħol tagħha. Iżda l-intimata kienet lesta wkoll li tidħol f'post tax-xogħol analogu meta d-direttur kienet infurmata li se jkollha xogħol fi swieq ġodda u semmietilha l-Awstralja, meta l-intimata preċedentament kienet taħdem fuq 'Western Europe'.*

*Illi minkejja t-tentattivi kollha u t-talbiet kollha li l-intimata għamlet sabiex hija terġa' tibda xogħol u dan sa minn qabel ma skada l-'leave' tal-maternità tagħha, s-*

*soċjetà rikorrenti qatt ma reġgħet daħlet lill-intimata għax-xogħol u qatt ma reġgħet offriet fil-fatt lill-intimata x-xogħol li hija kellha qabel ħarġet bil-'leave' tal-maternità, għajr f'dawk l-istess jiem li l-'leave' tal-maternità kien ser jiskadi u intlaħaq il-ftehim bejn il-partijiet li l-intimata se tieħu sena u tirritorna għax-xogħol wara.*

*Illi l-intimata żammet ma' dan il-ftehim u x'ħin kienet ser tiskadi dik is-sena reġgħet ikkuntattjat lis-soċjetà rikorrenti sabiex terġa' tibda xogħol.*

*Illi kienet is-soċjetà rikorrenti, illi wara li saru dawn id-diskussjonijiet kollha u wara li kien intlaħaq dan il-ftehim mal-intimata, unilateralment qabdet u tterminat l-impjieg tal-intimata billi imliet il-formola tat-terminazzjoni ta' impjieg fl-14 ta' Ottubru 2014 u qabdet u bagħtitha lill-Jobsplus, mingħajr ma qatt ippreżentata lill-intimata għall-firma tagħha.*

*Tant hu hekk li l-intimata baqgħet sa Jannar tal-2015 iċċempel kull ġimgħa sabiex id-direttur tagħtiha 'starting date', kif kienet wegħditha f'Awwissu 2014, sabiex tibda x-xogħol.*

*Dan kollu ma ġie kontradett bl-ebda mod mis-soċjetà rikorrenti.*

*Illi dan l-aġir għalhekk jissarraf f'raġuni valida ai termini tal-Artikolu 36 subartikolu (19) u (20) għaliex l-intimata m'għandhiex tħallas lura lis-socjetà rikorrenti l-ħlas li rċeviet matul il-'leave' tal-maternità u ċioè l-ammont mitlub mis-soċjetà rikorrenti."*

## **L-Appell**

7. Is-soċjetà appellanta ppreżentat ir-rikors tal-appell tagħha fl-4 ta' Ġunju, 2020, fejn qiegħda titlob lil din il-Qorti sabiex jogħġobha tħassar u tirrevoka s-sentenza tal-ewwel Qorti billi tilqa' t-talba tagħha u tiċħad l-eċċezzjonijiet tal-appellata fil-mertu, bl-ispejjeż ta-żewġ istanzi kontra l-istess appellata. L-aggravju ewlieni tagħha huwa li l-ewwel Qorti skartat konsiderazzjonijiet u fatti li kellhom iwasslu għal deċiżjoni oħra.

8. L-appellata wieġbet fis-26 ta' Ġunju, 2020, fejn filwaqt li ssottomettiet li l-aggravji tas-soċjetà appellanta huma infondati fil-fatt u fid-dritt, talbet sabiex l-appell jiġi miċħud.

**<u>Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti</u>**

9. Is-soċjetà appellanta qiegħda tikkontendi li l-ewwel Qorti skartat konsiderazzjonijiet u fatti li permezz tagħhom hija kienet tasal għal deċiżjoni oħra. Tissottometti li mill-*email* tas-27 ta' Mejju, 2015, jirriżulta li l-appellata kienet talbet għal impieg b'sigħat ridotti wara l-perjodu tal-*leave* tal-maternità, iżda s-soċjetà appellanta ma setgħetx tilqa' t-talba tagħha għal dawk ir-raġunijiet li ġew imfissra fl-imsemmija *email.* Tgħid li fl-istess *email* saret proposta ta' kif għandu jitħallas l-ammont mertu tal-proċeduri odjerni. Tirrileva li l-appellata kienet irrispondiet permezz ta' *email* datata 4 ta' Ġunju, 2015, fejn filwaqt li rreferiet għad-diversi telefonati li hija kienet għamlet sabiex tidħol taħdem *full-time* sabiex b'hekk tkun tista' tħallas l-ammont dovut, talbet sabiex dan l-ammont jinqasam bejniethom. B'hekk is-soċjetà appellanta ssostni li jirriżulta li l-appellata kienet fil-fatt aċċettat dak dovut. In sostenn tal-argument tagħha, is-soċjetà appellanta tagħmel riferiment għas-sentenza ta' din il-Qorti, kif diversament preseduta, tad-19 ta' Mejju, 2017. Tinnega li kien hemm xi konfużjoni fit-trattament tal-każ tal-appellata min-naħa tas-soċjetà appellanta, u hawnhekk tagħmel sinteżi qasira tal-*emails* li ġew skambjati. Is-soċjetà appellanta ssostni li kienet l-appellata li rriżenjat, u b'hekk ma kien hemm l-ebda irregolarità. Għalkemm l-appellata allegat li Beverley Yeomans kienet wegħeditha li kienet ser tagħtiha data meta tkompli

fl-impjieg tagħha, dan ma kienx jirriżulta mill-provi. Tgħid li x-xhieda ta' Beverley Yeomans permezz tal-*affidavit* tagħha, tikkontradixxi din l-allegazzjoni u kellu jingħad li fid-data tal-laqgħa tat-8 ta' Ottubru, 2018, mal-appellata, din tal-aħħar kienet irriżenjat mill-impieg tagħha mid-data meta beda l-*maternity leave*. Għalhekk, indipendentement minn kull trattattivi li kienu għaddejjin bejn il-partijiet, l-ammont reklamat kien diġà dovut u l-impieg ġdid kien ġie diskuss sabiex jgħin lill-appellata tħallas dak l-ammont.

10. L-appellata qabelxejn tilqa' billi tissottometti li t-talba tas-soċjetà appellanta tirrikjedi l-apprezzament mill-ġdid tal-fatti minn din il-Qorti, eżerċizzju li kien diġà sar b'mod komplet mill-ewwel Qorti. Tgħid li din il-Qorti kellha tillimita ruħha billi tfittex sabiex tara jekk l-ewwel Qorti setgħetx, legalment u raġonevolment, tasal għas-sentenza appellata fuq l-evidenza u l-argumenti ppreżentati quddiemha. Dan filwaqt li tiċċita l-prinċipju *onus probandi incumbit ei qui dicit e non ei qui negat* kif rifless fl-artikolu 562 tal-Kap. 12 u kif kristallizzat fil-ġurisprudenza tagħna. Tkompli billi tissottometti li t-traskuraġni min-naħa tas-soċjetà appellanta li tressaq l-evidenza kollha in sostenn tal-allegazzjonijiet tagħha, ma kienx jikkostitwixxi raġuni gravi u serja biżżejjed sabiex din il-Qorti tiddisturba l-eżerċizzju tal-ewwel Qorti. Dwar il-mertu, l-appellata tissottometti li l-*email* tas-27 ta' Mejju, 2015, kienet tirrappreżenta l-għeluq tal-komunikazzjoni bejn il-partijiet u fl-iskambju ta' *emails* li kien sar fl-10 ta' Lulju, 2013, id-direttriċi Beverley Yeomans kienet tat l-appellata l-għażla li ma tidħolx lura għax-xogħol immedjatament wara li jispiċċa l-*leave* tal-maternità. Għalhekk fl-14 ta' Lulju, 2013 l-appellata wriet ix-xewqa li terġa' lura wara sena, u dan fuq bażi *part-time* jew billi taħdem mid-

dar permezz ta' *teleworking*, iżda dawn kienu biss suġġerimenti min-naħa tagħha. Imma fil-fatt is-soċjetà appellanta qatt ma tatha l-opportunità li tirritorna għax-xogħol fl-istess kariga li kellha qabel ma ħarġet bil-*leave* tal-maternità jew f'xi xogħol ieħor, u dan la fuq bażi *part-time* u lanqas *full-time.* Tgħid li l-offerta tagħha sabiex tħallas nofs dak li allegatament kien dovut, kienet saret għaliex hi kien mingħaliha li bejn il-partijiet kien hemm ftehim reċiproku rigwardanti l-estensjoni tal-*leave* tagħha. L-appellata ssostni illi hija qatt ma kellha l-intenzjoni li ma terġax lura għax-xogħol. Tissottometti illi dak li qalet din il-Qorti kif diversament preseduta, fis-sentenza preliminari, ma setax jittieħed barra mill-kuntest tiegħu u tgħid li dawn kienu biss osservazzjonijiet preliminari. L-appellata tikkontradixxi s-sottomissjoni magħmula mis-soċjetà appellanta li ma kien hemm l-ebda konfużjoni fl-iskambju ta' *emails* bejn il-partijiet, u in sostenn tal-argument tagħha hija tgħaddi sabiex tagħmel riferiment għal dak li ntqal fid-diversi *emails.* Tgħid li hija la rriżenjat mill-impjieg tagħha, u wisq anqas għażlet li ma terġax lura. Tispjega li fil-laqgħa li hija kellha ma' Beverley Yeomans fit-8 ta' Ottubru, 2014, l-appellata ngħatat x'tifhem li sa dakinhar hija kienet għadha fl-impjieg mas-soċjetà appellanta, imma l-wegħda ta' *starting date* li kienet ingħatat qatt ma avverrat ruħha. Tinsisti li hija qatt ma imponiet imma biss issuġġerit lis-soċjetà appellanta, u l-ammont reklamat mis-soċjetà appellanta ma kienx dovut għaliex hija la irriżenjat mill-impjieg tagħha u lanqas għażlet li ma terġax tirritorna għall-impjieg li kellha qabel ma ħarġet bil-*maternity leave.* L-appellata tgħid li l-iskop tal-komunikazzjonijiet u tat-trattattivi bejn il-partijiet ma kienx il-ħlas tal-ammont reklamat, imma sabiex tinstab soluzzjoni għal kif hija setgħet tirritorna lura għall-impjieg tagħha jew għal xi impjieg analogu.

11. Qabelxejn għandu jingħad li sewwa tagħraf l-appellata li din il-Qorti m'għandhiex faċilment tiddisturba l-apprezzament tal-provi li jkun sar mill-ewwel Qorti, u dan sakemm ma jirriżultawx raġunijiet gravi u serji biżżejjed li jitolbu l-indħil tagħha. Iżda sabiex tikkonsidra jekk jirriżultawx tali raġunijiet, il-Qorti għandha qabelxejn tagħmel evalwazzjoni ta' dak li kkonsidrat u ddeċidiet l-ewwel Qorti.

12. L-ewwel Qorti mill-ewwel irrilevat li mill-provi kollha kien jirriżulta b'mod ċar li s-soċjetà appellanta ma aċċettatx ir-riżenja tal-appellata, tant li tali riżenja ma ġietx reġistrata. Tgħid li saħansitra d-direttriċi kienet għamlet suġġeriment sabiex l-appellata testendi l-*leave* tagħha, u b'risposta għal dan l-appellata kienet qaltilha li hija ma kinitx ser tkun f'pożizzjoni li tirritorna għax-xogħol qabel sena oħra, filwaqt li osservat ukoll li l-imsemmija appellata ma kinitx irċeviet risposta negattiva dwar dan. L-ewwel Qorti qalet ukoll li meta ftit qabel f'Ġunju 2014 l-appellata għamlet kuntatt mas-soċjetà appellanta sabiex terġa' lura għax-xogħol, ġie diskuss bejn il-partijiet ix-xogħol li hija kienet ser tagħmel. Tosserva li dan kollu ma kienx ġie kkontestat mis-soċjetà appellanta. L-ewwel Qorti tgħid li hekk kif kienet ser tagħlaq is-sena ta' estensjoni tal-*leave,* l-appellata kienet għamlet kuntatt mas-soċjetà appellanta sabiex terġa' lura u anki aċċettat li tħallas nofs is-somma pretiża. Iżda minflok is-soċjetà appellanta kienet wieġbet b'talba għall-ħlas tal-ammont sħiħ u għaddiet sabiex irreġistrat it-tmiem tal-impjieg tal-appellata fl-14 ta' Ottubru, 2014, jiġifieri kważi sena u nofs wara li spiċċa l-*leave* tal-maternità. Tgħid li din kienet l-aqwa prova kontra t-talba tas-soċjetà appellanta, u dan flimkien max-xhieda tad-direttur tagħha Beverley Yeomans u ta' Sarah Sammut. B'hekk l-

ewwel Qorti sabet li kien hemm raġuni valida ai termini tas-subartikoli 36(19) u 36(20) tal-Kap. 452 għaliex l-intimata m'għandhiex tħallas lura lis-soċjetà rikorrenti l-ħlas li hi kienet irċeviet matul il-*leave* tal-maternità.

13. Jirriżulta lil din il-Qorti li l-appellata kienet ġiet impjegata mas-soċjetà appellanta fil-5 ta' Jannar, 2012, skont it-termini u l-kundizzjonijiet imfissra fil-kuntratt tal-impjieg tal-istess data.[2] Sussegwentement hija kienet ħarġet tqila u t-tarbija tagħha twieldet f'Marzu 2003, sabiex b'hekk l-appellata ħadet il-*leave* tal-maternità u xi ġranet oħra ta' *leave* bejn it-18 ta' Marzu, 2013 sad-19 ta' Lulju, 2013.[3] Imbagħad fit-18 ta' Ġunju, 2013, l-appellata talbet sabiex tiltaqa' mad-direttriċi Beverley Yeomans[4] u għalhekk saret laqgħa fl-20 ta' Marzu, 2013 meta skont l-imsemmija Beverley Yeomans, l-appellata spjegatilha d-diffikultà li kienet qiegħda ssib sabiex tħalli lit-tarbija ma' ommha u anki li seta' jkun diffiċli għaliha li tirritorna lura għax-xogħol fl-aħħar tal-*leave* tal-maternità.[5] Beverley Yeomans reġgħet għamlet kuntatt mal-appellata fis-7 ta' Lulju, 2013 għaliex *"...I need to plan the Accounts team...",* u l-appellata għamlitha ċara fl-10 ta' Lulju, 2013 li kienet qiegħda tifhem li kellha tittieħed deċiżjoni mis-soċjetà appellanta, u għalhekk ċara wkoll għamlitha li *"...against my wish I will have to resign".* Saħansitra żiedet tgħid ukoll li *"I will be calling you in order to verify with you the exact amount I must refund the company"*[6] u b'hekk aċċettat li kienet dovuta lis-soċjeta' appellanta rifużjoni tal-ħlas li kien sar lilha matul iż-żmien li hija kienet ħadet il-*leave* tal-maternità.

---

[2] Kopja a *fol 12*
[3] Ara affidavit Beverley Yeomans a *fol.* 10.
[4] *Ibid.*
[5] *Ibid.*
[6] *A fol.* 20.

14. Min-naħa tagħha, Beverley Yeomans irrispondiet immedjatament hekk:

> *"That's a shame ... a real shame. Do you think it is worth maybe prolonging your start date with the company? I'll have to check what the law holds on this, but at what age do you think little Matteo will stay with others, or do you think that it's a no go, at all?*
>
> *Lets not say our goodbye's for the time being ... as hopefully we can resolve this".*[7]

15. Minn din l-*email* il-Qorti tifhem li s-soċjetà appellanta min-naħa tagħha xtaqet tagħti l-opportunità lill-appellata li tibqa' fl-impjieg tagħha, anki jekk forsi ttawwal iż-żmien meta kienet ser tirritorna lura x-xogħol. Dan joħroġ ċar ukoll mix-xhieda ta' Beverley Yeomans.[8] Imma l-appellata wieġbet billi reġgħet tenniet it-talba tagħha sabiex tmur lura x-xogħol wara sena, u dan fuq bażi *part-time* jew forsi saħansitra permezz tat-*tele-working*, iżda ħalliet f'idejn Beverley Yeomans sabiex tistħarreġ dwar soluzzjoni finali.[9] Din tal-aħħar kitbitilha lura fl-20 ta' Lulju, 2013 fejn qaltilha li ma setgħet issib l-ebda soluzzjoni għall-problema dwar l-impjieg tagħha, u dan filwaqt li qaltilha li *"If we decide that you will resign, then the amount you have to pay back has added to quite a lot ... not sure if you're already worked it out, but its about €5,300. It's a lot of money. ... in the meantime, can you please get the laptop back to work...".*

16. Minn dan kollu l-Qorti tikkonsidra li l-appellata ma kinitx lesta li tidħol lura għax-xogħol taħt l-istess termini u kundizzjonijiet miftiehma, iżda min-naħa tagħha s-soċjetà appellanta ma kinitx qiegħda taċċetta l-proposti tal-appellata għal kundizzjonijiet differenti minn dawk li kellha qabel in vista taċ-

---

[7] *A fol.* 19.
[8] Seduta 24.01.18 *a fol.* 61.
[9] *A fol.* 19.

ċirkostanzi l-ġodda li kienet tinsab fihom. Għalhekk is-soċjetà appellanta mill-ewwel ivverifikat mad-DIER x'kienet dovuta lejha l-appellata, ġaladarba din ma kinitx ser tirritorna għax-xogħol tagħha[10], u fis-27 ta' Mejju, 2015 saret talba ferm ċara għall-ħlas tal-ammont pretiż, filwaqt li ġie spjegat kif ma setgħetx tinstab soluzzjoni għall-eżiġenzi tal-appellata għal impjieg *part-time* jew b'sigħat imnaqqsa.[11] Fil-frattemp, fit-12 ta' Jannar, 2015 l-appellata kienet bdiet taħdem ma' kumpannija oħra fuq bażi *part-time.*

17. Iżda aktar lura fis-16 ta' Ġunju, 2014, l-appellata kitbet *email* lil Beverley Yeomans fejn esprimiet it-tama forsi *"...you can offer me something, however if I can work on reduced and/or flexible hours would be great. I will also consider teleworking. It does not need to be in the accounts department, even if I had to assist someone else in another department or a team on the job...".*[12] Imbagħad il-partijiet ftiehmu li jiltaqgħu fit-8 ta' Ottubru, 2014, fejn Beverley Yeomans tgħid fl-*affidavit* tagħha kienet ser tiġi diskussa l-possibilità tal-impjieg mill-ġdid tal-appellata. Dan l-impieg il-ġdid kien ukoll rifless fl-*email* ta' Sarah Sammut, impjegata mas-soċjetà appellanta bħala PA ta' Beverley Yeomans.[13] Il-Qorti tgħid li hawnhekk kienet għaddiet aktar minn sena mill-aħħar ġurnata tal-*leave* tal-maternità tal-appellata, u għalhekk ma tistax taċċetta f'dan l-istadju dak li kkonsidrat l-ewwel Qorti bħala *"...sena parental leave mingħajr ħlas".* Wara kollox ma jirriżulta minn imkien li kien hemm xi qbil espress dwar dan, u l-appellata in kontroeżami aċċettat dan il-fatt.[14] Mill-

---

[10] *A fol.* 21.
[11] *A fol.* 30.
[12] *A fol.* 82 u 83.
[13] *A fol.* 85.
[14] Seduta 31.10.18 *a fol.* 105.

istess xhieda tagħha jidher li kien hemm malintiż min-naħa tagħha li s-soċjetà appellanta kienet aċċettat it-talba tagħha għal sena *leave,* meta għall-kuntrarju jidher mix-xhieda ta' Beverley Yeomans li s-soċjetà appellanta ma setgħetx tagħmel dan it-tul ta' żmien kollu mingħajr impjegata u għalhekk hija kienet qaltilha *"...listen if you want we can see what else we can offer you, but your work was obviously replaced because this was I think probably about fourteen months later. I wasn't going to wait another fourteen months plus five months maternity. I told her that we will see if we can do something else together".*[15]

18. L-appellata stess fl-*email* tagħha tal-4 ta' Ġunju. 2015 tgħid *"I genuinely thought that I was going to be offered the job".* Għalhekk il-kelma "*re-employment"* li tuża Beverley Yeomans fl-*affidavit* tagħha hija waħda preċiża sabiex tiddeskrivi dak li kien qed jiġi kkunsidrat min-naħa tas-soċjetà appellanta. Fil-fatt l-impjieg li ġie offrut lill-appellata, kien għal pożizzjoni *full-time* li kienet vakanti fid-dipartiment tal-*Accounts.*

19. L-ewwel Qorti għarfet sew dan kollu, tant li qalet li *"huwa ċar ukoll illi l-post tax-xogħol tal-intimata ma kienx għadu disponibbli ...",* iżda din il-Qorti tgħid li l-istess fatti u konsiderazzjonijiet ma jistgħux imbagħad iwasslu għall-konklużjoni tal-ewwel Qorti, jiġifieri li kien hemm raġuni valida skont is-subartikolu 36(19) u 36(20) tal-Kap. 452 sabiex ma tirrifondix lura l-ħlas li rċeviet mingħand is-soċjetà appellanta waqt il-*leave* tal-maternità. Aktar u aktar meta l-appellata kienet permezz tal-*email* tagħha tal-10 ta' Lulju, 2013[16]

[15] Seduta 24.01.18 *a fol.* 62.
[16] *A fol.* 19.

talbet saħansitra kemm kien dovut lis-soċjetà appellanta għall-perijodu ta' *leave* tal-maternità li kienet tħallset għalih. Il-Qorti tqis ukoll li l-appellata qatt ma kkontestat il-fatt li l-ammont ma kienx dovut, u dan kif tixhed l-*email* tagħha tal-4 ta' Ġunju, 2015 meta offriet li tħallas in-nofs.[17]

20. Għaldaqstant din il-Qorti ssib l-aggravju tas-soċjetà appellanta ġustifikat, u tilqgħu.

**<u>Decide</u>**

**Għar-raġunijiet premessi l-Qorti tiddeċiedi dwar dan l-appell billi tħassar u tirrevoka s-sentenza appellata, filwaqt li tilqa' t-talba tas-soċjetà appellanta għall-ħlas tas-somma ta' ħamest elef, tliet mija tmienja u erbgħin Euro u tnejn u ħamsin ċenteżmu (€5,348.52), bl-imgħaxijiet legali li għandhom jiddekorru mid-data tal-preżentata tal-proċeduri odjerni u bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-appellata.**

Moqrija.

**Onor. Dr Lawrence Mintoff LL.D.**
**Imħallef**

**Rosemarie Calleja**
**Deputat Reġistratur**

[17] *A fol.* 30.